# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 586/2016

603/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Peter sive Pierre Falzon**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Peter sive Pierre Falzon detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 535060M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'Jannar, 2013 u fis-snin immedjatament precedenti f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, fil-kapacita' tieghu bhala Nutar Pubbliku, approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata

lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' s-somma ta' aktr minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Emanuel Buttigieg, detentur tal-karta tal-identita' numru 168272M, u Benjamin Grech, detentur tal-karta tal-identita' numru 190043M, u/jew il-Gvern ta' Malta, ai termini tal-artikoli 18, 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess data, lok u cirkostanzi, ikkommetta tali reat, filwaqt li kien ufficjal jew impjegat pubbliku, b'hekk sar hati ta' reat li hu kellu jissorvelja biex ma jsirx jew minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi, ai termini tal-artikolu 141 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-30 ta' Novembru, 2016 li biha sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal seba' u ghoxrin xahar (27) prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kienu sospizi ghal erbghin xahar (40). Wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat lil hati ihallas is-somma ta' €1,285 lil Jonathan Buttigieg u dik ta' €1,793.69 lil Emanuel Buttigieg u dana fi zmien sentejn ratejalment bl-ewwel

pagament ikun dovut f'Jannar, 2017. Il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma irrizultax li kien hemm tali hlas dovut;

Illi minn din is-sentenza appellaw sia l-imputat (rikors 586/2016) kif ukoll l-Avukat Generali (rikors 603/2016) u ghalhekk l-appelli qed ikunu trattati flimkien;

L-appellant ipprezenta r-rikors tieghu fir-registru ta' din il-Qorti fit-12 ta' Dicembru, 2016, fejn talab lil din il-Qorti jogghobha (1) **tirrevoka u thassar** s-sentenza appellata fejn sabitu hati tal-imputazzjonijiet kollha fil-konfront tieghu u minflok tiddikjarah mhux hati u tilliberah kompletament skond il-ligi, (2) alternattivament, **tirriforma** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tkun imposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.;

Illi fl-appell tieghu prezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-16 ta' Dicembru, 2016, l-Avukat Generali talab ir-riforma tas-sentenza kwantu l-piena erogata u ghalhekk il-konferma tas-sentenza kwantu sejbien ta' htija u revoka tal-piena kominata u li minflok tkun erogata piena skond il-ligi;

Rat l-aggravji ta' Peter sive Pierre Falzon u tal-Avukat Generali;

Semghet lid-difensuri tal-imputat u lill-Avukat Generali;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata ta' Peter sive Pierre Falzon esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi stante li l-appell tal-Avukat Generali huwa biss dwar il-piena, dan ser ikun konsiderat wara dak tal-imputat li ressaq gravmi fil-mertu;

2. L-imputat jillanja s-sentenza appellata b'sitt gravami bl-ahhar wiehed dirett lejn il-piena erogata. L-aggravji l-ohra ser ikunu konsiderati *seriatim* wara li jkunu brevement rakkontati l-fatti. Huwa inkontestat illi l-imputat appellant fil-vesti tieghu ta' nutar pubbliku, naqas milli jirregistra zewg kuntratti wara li l-partijiet kontraenti taghhom dehru u ffirmaw ghal-obbligi minnhom assunti. Dak li hu kontestat huwa r-raguni ghaliex dan ma sarx fejn allura l-imputat joffri spjegazzjoni konsistenti fil-fatt illi l-kontraenti ma hallsuhx il-boll u taxxa dovuta lill-awtoritajiet u konsegwentement ma setghax jghaddi ghar-registrazzjoni taghhom;

3. Kif gia inghad, hawn si tratta ta' zewg kuntratti: wiehed tal-2009 bejn l-ahwa Jonathan u Emanuel Buttigieg ghal bejgh ta' garage u l-iehor fejn konjugi Grech akkwistaw b'titolu ta' xiri terran minghand l-konjugi Grima fis-sena 2004. L-appellant ghalhekk kien imputat b'dawn iz-zewg fatti f'azzjoni wahda. Haga, izda li donnu sfuggiet lill-kullhadd hi li l-ewwel Qorti ma ddikjaratx li ma setghet tinsab ebda htija ghar-rigward tal-kuntratt bejn il-konjugi Grech u Grima ghaliex ma l-ispejjez ta' boll u taxxa qatt ma kienu thallsu lin-nutar fl-intier taghhom. L-ewwel Qorti kkonkludiet hekk: "*Tali mankanza fl-etika professjonali izda ma tissarrafx fir-reat li bih qed jigi addebitat a detriment tal-koppja Grech u ghalhekk dwar dan il-kuntratt partikolari ma jistghax jinghad li l-imputat ghandu jgorr xi htija.*". Issa, minkejja din il-konkluzzjoni, l-istess Qorti sabet lill-imputat "*Hati tal-akkuzi [recte: imputazzjonijiet] migjuba fil-konfront tieghu*", haga din li ma setghetx taghmel la darba ma sabet ebda sinistru kwantu l-kuntratt tal-konjugi Grech;

4. Illi għalhekk dan ser ikun retifikat fl-aħħar parti ta' din is-sentenza u l-kunsiderazzjonijiet li ser jisskotaw huma dwar is-sejbien ta' ħtija kwantu l-kuntratt tal-aħwa Buttigieg;

5. **Fl-ewwel** aggravju, l-imputat appellant jargumenta illi l-prosekuzzjoni ma pruvatx il-fatti fil-grad ta' certezza morali mingħajr dubju dettat mir-raguni u għalhekk is-sentenza hija waħda *unsafe and unsatisfactory*. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' dan l-argument. L-ewwel Qorti għamlet apprezzament tajjeb tal-provi tant illi innotat illi fejn il-fatti jirreferu għall-wieħed mill-kuntratti, dak tal-konjugi Grech, l-imputazzjoni ma setgħetx tirrizulta għaliex la darba ma għaddewx il-valur tal-boll u taxxa lin-nutar allura qatt ma seta' jippekka kontra l-artikolu tal-ligi lilu imputat;

6. Fil-kwistjoni, imbagħad tal-kuntratt ta' l-aħwa Buttigieg, l-istess Qorti innotat illi għalkemm l-imputat xehed illi huwa qatt ma ircieva l-valur tal-boll ma seta qatt jirregistra l-kuntratt anke jekk kien ircieva l-valur tat-taxxa fuq il-qliegħ kapitali. Dan għaliex kien hemm prova diretta tal-ħlas tat-taxxa permezz ta' *cheque* u prova tal-ħlas tal-boll permezz ta' ricevuta rilaxxjata minnu stess. Huwa minnu illi l-imputat xehed u nnega l-fatti kif lilu imputati kif ukoll illi *qua* imputat il-prova li jressaq tassumi oneru wisq anqas minn dik tal-prosekuzzjoni, igifieri dik tal-probabbli, izda fil-fehma ta' din il-Qorti, dak li xehed l-appellant ma jservi ta' ebda prova;

7. Dan l-aggravju għalhekk qed ikun miċħud;

8. **It-tieni** gravam jirrigwarda l-prova ossia nuqqas ta' prova li l-kuntratti lamentati kienu ezegwiti "f'Jannar 2013 u fis-snin immedjatament precedenti..." Kwantu l-kuntratt tal-konjugi Grech, din il-Qorti ser tastjeni milli tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha għar-ragunijiet gia mogħtija *supra*. Huwa minnu illi l-prosekuzzjoni naqset milli tesebixxi kopja ta' dan il-kuntratt, izda dan kien ammess mill-istess imputat fid-deposizzjoni tiegħu u huwa ukoll pruvat mix-xhieda diretta tal-aħwa Buttigieg u mid-dokument

mmarkat MC4 a fol. 26 li huwa ricevuta ta' flejjes ricevuti mill-imputat ghall-spejjez u drittijiet kif hemm elenkati wahda wahda. L-imputat ghalhekk m'ghandux ragun f'dan l-argument;

1. **It-tielet** aggravju jirrigwarda l-element intenzjonali tar-reat ravvizat fl-artikolu 293. Fis-sentenza moghtija fl-20 ta' Novembru, 2000 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Paul Abdilla u Alfred Olivia – App Krim 288/99, il-Qorti tal-Appell Kriminali elenkat l-elementi tar-reat bi kjarezza bil-mod segwenti. Ir-reat, huwa wiehed kontra l-proprjeta', u "il-hsara fil-proprjeta' tavvera ruhha appena l-agent, b'abbuz ta' fiducja, jikkonverti (ossia jaghmel uzu daqs li kieku kienu tieghu, bi profitt ghalih jew ghal haddiehor, xi haga li tkun inghatat lilu u li tkun destinata jew li tintradd lura lis-sid jew li jsir uzu minnha specifikat. Fi kliem Maino: "*Vera restituztione e uzo determinato implicano necessariamente la non assoluta disponibilita' per parte del consegnatario ...La formola: convertendo in profitto di se' o di un terzo dimoistra, come gia dicemma, che la legge intende la appropriazione nel senso il piu' lato, e quindo anche in quello dell'esercizio di un solo dei diritti inerenti al dominio, non in quello rigoroso e ristretto di alienazione*" (**Commento al Codice Penale Italiano,** UTET (Torino), 1924, Vol. IV. P. 102, para. 1949 u p.105, para. 1951).

2. Jissokta r-ragunament tal-istess Qorti f'din is-sentenza citata, illi l-elementi tar-reat in dizamina jinsabu, oltre l-element ta' profitt: fil-konsenja partikolari ta' oggett lill-appellant; maghmula bil-volonta' tas-sid u b'fiducja; bil-hsieb li jaghmel minnhom uzu specifikat. Il-kwistjoni devoluta quddiem il-Qorti kienet dwar jekk il-fatti ghandhomx mir-reat ta' serq jew tal-appropriazzjoni indebita u ghalhekk tenniet illi " Fi kliem il-gurista Francseco Antolisei: *La figura giuridicia dell-appropriazjone indebita presenta una notevole affinita' con quella del furto: le due fattispecie sono contigue e si completano a vicenta ... mentra il-furto, come se e' vista, implicat nell'autore la mancanza*

*dell'possesso, consistendo nel fatti di procurarsel (impossessamento), l-appropriazjoni indebita presume che l-agente gia; possieda le cose mediesima. Quando il reo non ha il possesso, egli non puo' commettere appropriazjoni indebita; quando possiede la cosa, non puo' rendersi responsabile di furto* (Antolisei F., **Manuael di Diritto Penali – Parte Speciale I**, Giuffre (MilanoP, 196, p. 274 – 275);

9. Applikat dan l-insenjament fil-kaz odjern, tirrizulta l-konsenja volontarja u bil-fiducja tas-sid, tal-flus lill-agent ghar-raguni partikolari sabiex dan jghaddi l-istess flus lill-erarju anke jekk l-imputat jghid li qatt ma rcieva l-boll relattiv. L-imputat jargumenta illi l-ewwel element, igifieri li l-agent ikun dawwar bi profitt ghalih jew ghall-haddiehor l-oggett lilu konsenjat huwa nieqes fil-kaz odjern ghaliex il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova illi zamm il-flus sabiex idawwarhom ghal xi profitt jew uzu ghalih personali jew sabiex juzahom ghal skop differenti minn dak lilu fdati; L-**Antolisei** (Manuale Di Diritto Penali – Parte Special I - 1957 pp. 237 para E ) jippreciza hekk: "*Per quanto concerne la consumazione del reato, deve escludersi che sia necessario che l-agente bbia conseuito un profitto, per che dalla formula dell'art. 646 si desume in modo inequivocabile che il- profitto e' soltanto una nota dell'elemento psicologico; e' il-fine a cui la volonta si deve dirigere. Non e' dubbio che il delitto e' perfetto anche se tale fine non viene realizzato.*" L-artikolu 646 tal-Kodici Penali Taljan li dwaru jitkellem l-Antolisei jipprovdi hekk: "*Chiunque, per procurare a se' o ad altri un ingiusto profitto, si appropria il denaro o la cosa mobile altrui di cui abbia, a qualsiasi titolo, il-possesso, e punito, ecc*" (pp.230). Fil-para F a pp. 238, imbaghad jispjega illi "*Per la sussistenza del* dolo *occorre anzitutto la consapevolezza di cioe' che la condotta presuppone, e precisament del possesso e dell'altuita' della cosa*". Bir-ragunament validissmu tal-Antolisei, il-

fatt wahdu tal-ispussessar tal-flus mhux mehtieg prova li dawk il-flus kienu konvertiti fi proprjeta' ohra;

10. L-imputat jghid illi huwa ghadu fil-pussess tal-flus izda ma jistghax jirregistra l-kuntratt ghaliex l-kwerelant ghadu ma hallasx il-boll. Haga din li m'ghandhiex mis-sewwa kif fuq spjegat. Dan huwa prova bizzejjed tal-element formali tar-reat, igifieri skuza fjakka ghaliex ma rregistrax il-kuntratt u zamm il-flus lilu moghddija ghalih minflok ma ghaddihom lill-erarju;

11. **Fir-raba'** aggravju, l-imputat appellant jikritika l-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti meta qalet li l-verzjoni tal-imputat m'ghandiex mis-sewwa. Ir-raguni ta' dan hi li l-ammont ta' boll u taxxa fuq il-qligh kapitali kienet tammonta ghall €3,078.69 u l-ewwel Qorti strahet fuq ir-ricevuta (Dok MC4) tal-ammont ta' €2,579.95. L-imputat kellu opportunita' jispjega ir-rati ta' taxxa fuq dan il-kuntratt izda ma hax din l-opportunita'. Dak li jirrizulta ghall-din il-Qorti u ghal-dik tal-ewwel grad qabilha, illi l-ammont ta' taxxa fuq il-qligh kapitali thallas permezz ta' cheque (Dok MC2 fol 13 ta' €1793.68 – sebgha fil-mija taxxa provizzorja fuq bejgh ta' €25,624 jammonta ghall-€17983.69) u ricevuta (Dok MC4 fol 26 li apparti spejjez ta' insinwa u dritt tan-nutar hemm inkluz l-ammont denominat "Stamp" valur ta' 1285.00 – boll ta' hamsa fil-mija fuq dan il-kuntratt jammonta ghall-€1281.20). L-argument tal-imputat ghalhekk ma jregix meta jghid li wiehed mill-ahwa haseb li huh kien qed ihallas ta' kollox. Dan l-aggravju ghalhekk huwa michud;

12. **Fil-hames** aggravju, l-appellant jilmenta illi l-ewwel Qorti ordnatlu jirrifondi lill-Jonathan Buttigieg is-somma ta' €1,285.00 meta qatt ma kien imputat b'approprjazzjoni indebita fil-konfront tieghu izda biss fil-konfront ta' Emanuel Buttigieg u Benjamin Grech. Hawnhekk l-appellant ghandu ragun ghaliex il-prosekuzzjoni qatt ma indikat lill-Jonathan Buttigieg bhala parti offiza u danneggjat bl-allegat agir tal-appellant;

13. **Is-sitt** u l-ahhar aggravju jirrigwarda l-piena erogata. L-imputat jissottometti illi kienet l-intenzjoni tal-ewwel Qorti li teroga piena ta' **24** xahar prigunerija sospizi fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 u mhux **27** xahar. Din l-intenzjoni temergi mill-fatt illi l-ewwel Qorti stess iddikjarat li fil-paragrafu precedenti dak kominanti l-piena li kienet ser tapplika s-sentenza sospiza. L-appellant ghandu ragun dwar dan ghaliex l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 jaghti s-setgha lil-Qorti li tissospendi l-inkarcerazzjoni effettiva kemm il-darba tikkomina piena ta' prigunerija ta' mhux aktar minn sentejn;

14. Dwar dan l-aspett appella ukoll l-Avukat Generali u l-unika konsiderazzjoni li din il-Qorti tista' taghmel in rigward hu li fil-fatt ghandu ragun. Marbut ma' dan hemm il-fatt illi l-ewwel Qorti sabet htija ta' approprjazzjoni f'zewg okkazzjonijiet meta fil-fatt kellha ssib htija biss f'okkazzjoni wahda. Dan ghalhekk ser ikun mehud in konsiderazzjoni fil-parti ahharija ta' din is-sentenza;

15. Ghal dawn ir-ragunijiet tiddisponi minn dan l-appell billi tilqa' t-talba tal-Avukat Generali. Tichad it-talba tal-imputat ghar-revoka tas-sentenza appellata izda tilqa' t-talba ghar-riforma taghha u tghaddi ghalhekk billi tenuncja s-segwenti riformi:

a. **Tirrevoka** s-sentenza appellata kwantu sabet lill-imputat hati tal-approprjazzjoni indebita fil-konfront ta' Benjamin Grech u minnha tilliberah.;
b. **Tirrevoka** dik il-parti tas-sentenza li biha ordnat lill-imputat jirrifondi lill-Jonathan Buttigieg is-somma €1,285.00;
c. **Tirrevokah**a f'dik il-parti li biha ikkundannat lill-imputat ghal-piena ta' prigunerija ta' 27 xahar sospizi ghall-erbghin xahar u **minflok** tikkundannah ghal-terminu ta' prigunerija ta' tmintax (18)-il xahar liema perjodu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputat jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien sentejn mil-lum skond l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali;

d. **Tikkonferma** ukoll l-ordni tal-ewwel Qorti li biha ordnat lill-imputat ihallas lill-Emanuel Buttigieg is-somma ta' €1,793.69 fi zmien sentejn ratealment bl-ewwel pagament issa jsir dovut fl-ahhar ta' Marzu 2019 u dan ai termini tal-artikolu 532A tal-Kodici Kriminali;

Il-Qorti ghaddiet biex tispjega fi kliem car l-obbligi tal-appellant naxxenti minn din is-sentenza